PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10067 — ElringKlinger/Plastic Omnium New Energies/EKPO Fuel Cell Technologies/ ElringKlinger Fuelcell Systems Austria)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 39/07)

1. Fis-27 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ElringKlinger AG ("EK", il-Ġermanja),

— Plastic Omnium New Energies S.A. ("PO NE", il-Belġju), li tappartjeni għall-grupp Compagnie Plastic Omnium SE ("PO", Franza), sussidjarja ta' Burelle SA (Franza),

— EKPO Fuel Cell Technologies GmbH ("EKPO", il-Ġermanja),

— ElringKlinger Fuelcell Systems Austria GmbH ("EKAT", l-Awstrija).

EK u PO NE jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' EKPO kollha kemm hi, u PO NE takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' EKAT kollha kemm hi. Iż-żewġ tranżazzjonijiet huma interrelatati.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— EK: il-kumpanija prinċipali finali tal-grupp Ġermaniż, ElringKlinger, li jissupplixxi l-karozzi b'operazzjonijiet internazzjonali, li jispeċjalizza f'soluzzjonijiet ħfief, l-emobilità, it-teknoloġija tal-issiġillar u l-protezzjoni, l-għodod u s-servizzi tal-inġinerija,

— PO NE: parti mill-grupp tal-PO, li jissupplixxi karozzi b'operazzjonijiet internazzjonali, li joffri komponenti esterni (speċjalment bumpers u moduli ta' quddiem) minn naħa waħda (sistemi esterni intelliġenti u diviżjonijiet HBPO) kif ukoll sistemi ta' ħżin u kunsinna tal-fuel (inklużi tankijiet u pajpijiet tal-mili), sistemi ta' ħżin bi pressjoni għolja u sistemi ta' dekontaminazzjoni min-naħa l-oħra,

— EKPO: ir-riċerka u l-iżvilupp, id-disinn, il-manifattura u l-bejgħ ta' stacks taċ-ċelloli tal-fuel tal-idroġenu u servizzi ta' inġinerija relatati, komponenti taċ-ċelloli tal-fuel (pereż. pjanċi bipolari, moduli tal-media, soluzzjonijiet tal-issiġillar) u moduli taċ-ċelloli tal-fuel immuntati primarjament għall-industrija tal-karozzi definiti bħala vetturi ħfief (karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief) u vetturi kummerċjali medji u tqal (karozzi tal-linja u trakkijiet),

— EKAT: speċjalizzata fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' sistema taċ-ċelloli tal-fuel tal-idroġenu.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10067 — ElringKlinger/Plastic Omnuim New Energies/EKPO Fuel Cell Technologies/ElringKlinger Fuelcell Systems Austria

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.